MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## CAROL PERALTA

Seduta tat-22 ta' Frar, 2015

Numru. 196/2015

**PULIZIJA**
**SPETTUR JASON FRANCIS SULTANA**

**VS**

**CHARLES SPITERI**
**(ID Nru. 2074M)**

Kumpilazzjoni Nru.: 196/2015

Illum, 22 ta` Frar, 2015.

**Il-Qorti:**

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Charles Spiteri, detentur tal-Karta tal-Identita` numru 2074M.

**Akkuzat talli:**

1. Nhar il-wiehed u ghoxrin (21) ta` Frar, 2015, ghal habta tal-erbgha u nofs nieqes hamsa (04:25hrs) gewwa Triq l-Imradd, Ta` Xbiex, bil-hsieb li jaghmel delitt ta` serq, wera dan il-hsieb b'atti esterni u ta` bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta` tieghu, liema serq, kieku sar kien ikun ikkwalifikat bil-mezz u bil-hin;

2. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, wara li kien gie kkundannat f'Malta ghal serq jew ghal ricettazzjoni, instab fil-pussess ta` mfietah, imqabblin jew iffalsifikati, jew ghodod ohra tajbin ghall-ftuh jew sgassar ta` serraturi, jew instabu ghandu forom ta` serraturi, minghajr ma taw kont sodisfacenti ghal liema skop legittimu nstabu ghandu f'dak iz-zmien;

3. U aktar talli b'hekk renda ruhu recidiv ta` diversi sentenzi moghtija lilu mill-Qorti tal-Magistrati, Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Il-Qorti giet gentilment mitluba sabiex f'kaz ta` htija, barra li tinfliggi l-pieni stabbiliti mil-Ligi, tordna wkoll il-konfiska tal-oggetti kollha esibiti.

Il-Qorti giet gentilment mitluba ukoll sabiex f'kaz ta` htija tikkundanna lill-akkuzat ghall-hlas ta` spejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta` esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta.

**Il-Qorti:**

Wara li rat il-provi kollha prodotti u ezaminat id-dokumenti esibiti;

Wara li hadet in konsiderazzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, inkluz il-komportament tal-imputat fl-awla li huwa wiehed tajjeb;

Wara li semghet ix-xhieda mressqa;

Wara li rat l-Artikoli 41 (a), 261 (b) (f), 263 (a) (b), 270, 278 (2), 287, 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta.

**Ikkunsidrat:**

In ammissjoni volontarja u kkundizzjonata tal-imputat ghall-imputazzjonijiet lilu addebitati mill-Prosekuzzjoni ma thalli l-ebda alternattiva ohra lil din il-Qorti hlief issib lill-imputat hati kif akkuzat.

Dina l-Qorti qed issib lill-imputat hati u ghaldaqstant tilliberah bil-kundizzjoni li ma jikkommettix reat iehor fi zmien tlett (3) snin mil-llum a tenur tal-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta kif ukoll illi fl-ewwl sena ta` dan il-perjodu huwa ghandu jaghmel mitejn (200) siegha xoghol jew servizz fil-Komunita` ai termini tal-Artikolu 11 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta` Malta. Sabiex dina l-Qorti tibqa` infurmata bl-andament tieghu qiedgha tordna ordni ta` probation sabiex jirrapporta verbalment l-andament tal-istess imputat.
Il-Qorti spjegat il-portata ta` din is-sentenza lill-imputat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------